**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta’ Frar, 2018

Rikors Nru : 466/17 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti żżewwġu fl-ghaxra (10) ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) kif jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ, hawn annessa, esebita u mmarkat bħala **DOK. JC1**, u minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal.

2. Illi l-kontendenti nfirdu minn xulxin formalment permezz ta' kuntratt ta’ separazzjoni in Atti Nutar Dottor Timothy Ellis datat tmintax (18) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlettax

(2013), kif jidher minn kopja tal-kuntratt hawn anness, esebit u mmarkat bħalha **DOK. JC2**.

3. Illi effettivament, il-kontendenti kienu ilhom separati de facto mill-ahhar gimgha ta' Gunju 2013, wara li kienet l-intimata li ghazlet, minn jeddha, li titlaq mid-dar matrimonjali, titlaq lill-esponenti zewgha, u tmur tghix ghal rasha. Kienet l-istess intimata li gimgha wara talbet formalment is-separazzjoni personali mill-esponenti zewgha. Minn dak iz-zmien 'l hawn, l-intimata ma regghetx lura fid-dar matrimonjali.

4. Illi kif jirriżulta mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni, il-kontendenti iddekadew għad-dritt li jitolbu/jirċievu manteniment mingħand xulxin.

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

6. Illi għalhekk il-kundizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, m’huwiex meħtieġ illi ssir medjazzjoni bejniethom.

7. Illi l-esponenti qed jikkonferma dan kollu bil-gurament tieghu permezz ta’ affidavit, li jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala **DOK JC3**.

Talbu li din il- Qorti :

a) Tippronunzja x-xoljiment taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet;

b) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, entro terminu determinat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-

Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tissottometti :

**Illi** l-esponenti taqbel li l-partijiet iżżewġu fl-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u li minn dan iż-żwieġ huma ma kellhomx tfal.

**Illi** l-esponenti tistqarr li ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet.

**Illi** l-partijiet isseparaw bonarjament permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Timothy Ellis datat nhar it-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u li ilhom isseparati *de facto* minn l-aħħar ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013).

**Għalhekk** l-esponenti mhix toġġezzjona għat-talbiet tar-rikorrenti AB li din l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u li tagħti ordni għar-reġistrazzjoni tal-istess ħall taż-żwieġ fir-Reġistru Pubbliku.

B'dan pero` li l-esponenti tixtieq iżżomm il-kunjom ta' M ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni suċċitat u stante li ma kenitx hi li fittxet jew tat lok għal dawn il-proċeduri, m'għandhiex teħel l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u liema spejjeż għandhom jiġu sopportati kollha mir-rikorrent, inkluż l-ispejjeż inkorsi mill-esponenti,

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Novembru 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Novembru 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.